MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 58/1997/2

John B. Camilleri
vs
Dipartiment tal-Agrikoltura u b' digriet tas-27 ta' Jannar 1999 gie korrett ghal Direttur tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u b' digriet tal-20 ta' Gunju 2000 gie korrett ghal Direttur Generali (Agrikoltura)

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1993 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa kien ilu jahdem mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ghal dawn l-ahhar 29 sena u bhalissa qieghed jokkupa l-kariga ta' Senior Agricultural Foreman.

Illi huwa kien applika ghall-grad ta’ Agriculture Officer IIA skond Cirkulari numru 48/93 datata 1 ta’ April 1993. L-applikazzjoni msemmija ghamlitha cara li d-dipartiment kellu bzonn ta’ aktar minn wiehed ghall-grad imsemmi fuq.

Illi huwa meta applika kien eligibbli minhabba l-fatt li kien jaqa taht artiklu 4A ta’ l-istess applikazzjoni peress li kien fil-pussess ta’ diploma fl-agrikoltura/ortikoltura mill-istitut ta’ l-agrikoltura wara li attenda kors ta’ sena.

Illi huwa hass li saret ingustizzja mieghu peress li kien gie t-tieni fl-interview u spicca sar wiehed biss meta kif intqal fuq l-applikazzjoni kienet tindika li hemm bzonn ta’ aktar minn wiehed.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgbi prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-grad ta’ Agriculture Officer IIA li bir-riforma sar Senior Agriculture Officer, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont kif tiddeciedi li hu xieraq din il-Qorti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

Illi l-ilment tar-rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi ma saret ebda ingustizzja jew “undue distinction” fil-konfront tieghu. Kif jidher mic-cirkolari in kwistjoni kien hemm post wiehed vakanti u dan gie allokat lil min gie l-ewwel. Ma giex allokat lir-rikorrent billi hu gie t-tieni.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.
Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li kkonferma l-kontenut tar-rikors. F’Mejju ta’ l-1987 applika ghall-post ta’ Agricultural Officer IIA, izda ghalkemm gie nfurmat biex jattendi ghall-interview ftit qabel infurmawh li dan l-interview mhux ha jsir. Kien gie mitlub jekk riedx imur jahdem fil-farm tal-Gvern ix-Xewkija u hu kien accetta. Flimkien ma’ Agricultural Officer II iehor kien jiehu hsieb l-extension service u kien jaghmel xoghol ta’ ricerka. F’ Ottubru 1988 kien rega’ applika ghal Agricultural Officer IIA u fl-interview staqsewh jekk kienx lest li jaghmel kors barra u hu rrisponda fin-negattiv peress li dan il-kors kien gja ghamlu. Hu qal li minhabba f’ hekk ma giex maghzul. Aktar tard gie mahtur Segretarju tal-Kumitat ta’ l-extension service gewwa Ghawdex, liema kariga ghadu jokkupa sal-lum. Semma wkoll li kellu esperjenza fit-trobbija tan-nahal. F’ April 1993 rega’ applika ghal Agricultural Officer IIA u gie t-tieni, pero` l-promozzjoni ma hadhiex ghalkemm id-dipartiment kellu bzonn ta’ aktar minn Agricultural Officer IIA wiehed. F’ April 1996 gie mgharraf li minn Jannar 1991 kien gie assimilat fil-grad ta’ Senior Agricultural Foreman. Kompla jghid li kien hemm Agricultural Officers II li kienu ghamlu l-kors li kien ghamel hu fil-Germanja u kienu lahqu Agricultural Officers IIA. Wara ftehim dawn kienu gew assimilati fil-grad ta’ Senior Agricultural Officers li huwa grad oghla minn dak li gie assimilat fih hu.

Xehed Franco Serracino Inglott Direttur tal-Agrikoltura, u dwar is-sejha ta’ l-applikazzjonijiet tal-24 ta’ Marzu 1992 ghal Agricultural Officer IIA id-Dipartiment kien qed jitlob li timtela vakanza wahda. Hu ezamina l-personal files tar-rikorrent u ta’ Carmel Abela u fihom ma sab xejn negattiv anzi affarijiet pozittivi biss. Lir-rikorrent jafu bhala bniedem li jaqdi dmiru sew. Zied jghid li ma kien ikollu l-ebda ezitazzjoni li jirrikmandah ghal xi promozzjoni. Qal

ukoll li aktarx kien hemm misprint fis-sejha ghax din harget “for the filling of posts” u mhux “post.”

Xehed Godfrey Camilleri Principal Scientific Officer fid-Dipartiment tal-Agrikoltura, li kien ic-Chairman tal-bord li ezamina lill-applikanti ghall-grad ta’ Agricultural Officer IIA. Qal li l-membri l-ohra tal-bord kienu Peter Agius Principal Agricultural Officer u Richard Saliba ghall-Establishments. Ipprezenta kopja tar-rapport. Ix-xoghol tal-bord kien li jara min kien eligibbli, jivvalutah u wara johrog order of merit ta’ l-applikanti. Jinghad li skond fol 61 tal-process Abela Carmel li gie l-ewwel inghata 25 minn 30 marki ghal experience waqt li Camilleri 20. It-tnejn inghataw 15 minn 20 ghal previous performance. Abela nghata 16 minn 20 ghal Additional Qualifications waqt li Camilleri 13. Fuq personality minn 10 marki Abela nghata 9 waqt li r-rikorrent 7 u dwar suitability Abela nghata 18 u r-rikorrent nghata 17 b’ totali rispettivi fil-kaz ta’ Carmel Abela ta’ 83 marki waqt li r-rikorrent nghata 72. Ghalhekk ir-rikorrent spicca fit-tieni post.

Xehed Carmel Aquilina rapprezentant tad-Direttur tal-Agrikoltura li pprezenta dokument li juri l-complement tal-Agricultural Officers IIA “as at 1st April 1993, 1st April 1994 and 1st April 1995”. Spjega li fl-1993 kien hemm diga hdax Agricultural Officer IIA u kien hemm bzonn ta’ iehor ghax skond l-estimi ta’ l-1992 fil-vot kienu allokati flus ghal tnax. Id-Dipartiment kien ghamel talba ghal Agricultural Officer IIA wiehed.

Espedito Grech rapprezentant tad-Direttur, Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru xehed li meta tohrog applikazzjoni ma jkunux jafu ezatt kemm iridu jimtlew vakanzi. Din tigi deciza wara skond l-ezigenzi tad-Dipartiment koncernat. Il-hrug ghas-sejha ta’ l-applikazzjonijiet torigina minn talba tal-Kap tad-Dipartiment. Jista’ jkun li d-Dipartiment ikollu xi vakanzi izda ma jkunx irid jimlihom kollha. Id-Dipartiment jaghmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li tkun copied lill-M.P.O. Fiha l-Kap tad-Dipartiment jghid kemm ikun hemm vakanzi. F’ dan il-kaz il-Kap tad-Dipartiment kien qal “the remaining post is

vacant". F' dan il-kaz kienet saret talba ghal post wiehed. Is-sejha tkun iddraftjata mid-dipartiment stess u tintbaghat mar-rakkomandazzjoni. Ghall-M.P.O. ma taghmilx differenza jekk fis-sejha jkunx hemm post jew posts ghax dan jiddependi mhux minn dak li hemm miktub fic-cirkolari izda kemm ikun hemm vakanzi x' jimtlew u kemm ikollu flus id-dipartiment biex jimla vakanzi. Jista' jkun li d-dipartiment ikollu numru ta' vakanzi izda ma jkollux bizzejjed flus biex jimlihom kollha, jigifieri kollox hu fid-diskrezzjoni tad-dipartiment li jaghmel it-talba.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien applika ghall-promozzjoni u gie kklassifikat it-tieni u sar wiehed biss. Inghata l-breakdown tal-marki li minnhom ma jidher xejn irregolari. Ir-rikorrent stess ma attakax propjament lil dak ir-rizultat, anqas ma gab provi li dan ir-rizultat kien b' xi mod zbaljat izda sostna li suppost saru tnejn u mhux wiehed. Ibbaza hafna minn dan fuq il-fatt li fl-applikazzjoni kienet intuzat il-kelma "posts". L-intimat sostna li fil-fatt qatt ma kien hemm l-intenzjoni li jkunu tnejn in-nies li jsiru izda biss persuna wahda u fil-fatt ir-rapprezentant tal-M.P.O. ikkonferma lil-uzu tal-kelma "posts" ma ghandhiex daqshekk rilevanza. Ir-rikorrent imkien ma gab provi li fil-fatt il-vacancy kienet ghal tnejn minn nies u minhabba f' hekk certament ma ppruvax li saret xi ingustizzja fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------